MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 159/2010

**Mary Louise Ronsisvalle (K.I.: 613161M)**

**f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem***

**ta' bintha minuri Loriana Ronsisvalle,**

**Luana Ronsisvalle (K.I.: 417884M) u**

**Francesco Ronsisvalle (K.I.: 281487M)**

**-VS-**

**Wilfred u Mary Grace konjugi Mifsud**

**(K.1.: 116253M u 768751M rispettivament)**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors ta' Mary Louise Ronsisvalle f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Loriana Ronsisvalle, Luana Ronsisvalle u Francesco Ronsisvalle tas-17 ta'Frar 2010 li jaqra hekk:

*"Illi 1-esponenti gew notifikati b'ittra ufficcjali ipprezentata quddiem din 1- Onorabbli Qorti mill-intimati Wilfred u Mary Grace konjugi Mifsud nhar id-29 ta' Jannar 2010 fejn 1-intimati, prevja li ghamlu riferenza ghal erbatax-il kambjala, interpellaw lill-esponenti sabiex jghaddu ghall-hlas tal-valur tal-istess kambjali fl-ammont ta' tmintax-il elf erba mija u sebgha u tmenin euro (€18,487) oltre ghall-ispejjez u ghall-imghax (Dok. MLR 1);*

*Illi l-esponenti jopponu 1-ezekuzzjoni ta' tali kambjali u ghalhekk qeghdin jipprevalixxu rwiehhom mill-jedd li jitolbu s-sospensjoni ta' tali kambjali u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi preliminarjament irid jigi rilevat illi s-seba' kambjali annessi mal-ittra ufficcjali u mmarkati bhala "Dok. A" jghidu il-kuntrarju ta' dak li qed jippretendu 1-intimati fl-ittra ufficcjali taghhom. Fil-fatt, fil-waqt li 1-intimati qed jitolbu 1-hlas ta' tali kambjali, il-kambjali li ghalqu nhar it-30 ta' Novembru 2007, nhar it-30 ta' Dicembru 2007, nhar it-30 ta' Jannar 2008, nhar it-30 ta' Frar 2008, nhar it-30 ta' Marzu 2008, nhar it-30 ta' April 2008 u nhar it-30 ta' Mejju 2008, jirreferu ghal debitu dovut mill-intimati lill-mejjet Gianfranco Ronsisvalle. Fil-fatt dawn il-kambjali jghidu bl-aktar mod inekwivoku: On ... pay this sole bill of exchange* ***to the order*** *of Mr Gianfranco and Mrs Mary Louise Ronsisvalle."*[1] *Evidentement,*

[1] Tipa grassa mizjuda mill-esponenti

*dak li qeghdin jitolbu l-intimati huwa l-kuntrarju ta' dak li jirraprezentaw il-kambjali;*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi s-seba' kambjali annessi mal-ittra ufficcjali u mmarkati bhala "Dok. B" huma nulli minhabba difetti gravi fil-forma tal-kambjali stess u dan ai termini tal-Art. 123 tal-Kap. 13 liema dispozizzjoni trid li 1-kambjali jkunu datati u li jkollhom indikazzjoni ta' fejn tkun inharget il-kambjala. Inoltre, il -kambjala ghandha tkun iffirmata minn min ikun harigha, liema firma hi rikjesta ad validitamen skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Fil-fatt, anke mad-daqqa t'ghajn jidher li fil-waqt li d-data ta' meta l-kambjala ghandha tithallas hija indikata darbtejn fuq l-istess kambjala, la hemm indikazzjoni tad-data u lanqas tal-post fejn inharget il-kambjala. Hemm ukoll firma wahda (li m'hi cara xejn) ghajr dik tal-mejjet Ronsisvalle u ghalhekk isegwi li wiehed mill-intimati naqas milli jiffirma tali kambjali qabel ma jiccirkolahom;*

3. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, 1- esponenti jissottomettu li m'ghandhom 1-ebda relazzjoni mal-intimati u dan peress li r-relazzjoni tal-intimati kienet mal-mejjet Gianfranco Ronsisvalle li tieghu 1-esponenti Mary Louise hija 1- armla u r-rikorrenti l-ohra huma 1-ulied. Gianfranco Ronsisvalle miet nhar it-3 ta' Dicembru 2009 u 1-esponenti rrinunzjaw ghall-eredita tieghu fit-termini tal-ligi. Inoltre, jrid jigi rilevat illi dawn il-kambjali ma jimpingux fuq il-komunjoni tal-akkwisti talvolta ezistenti bejn il-mejjet u 1-esponenti Mary Louise Ronsisvalle stante li 1-mara ma kienetx parti ghall-kambjali u kwindi id-debitu minnhom rapprezentat ma jolqotx il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn 1-imsemmija mejjet u 1-esponenti martu. Lanqas ma hemm xi firma fuq il-kambjali ta' xi hadd mill-esponenti u ghalhekk in-negozju rapprezentat b'dawn il-kambjali ma jolqotx lill-esponenti li huma estranji ghal kwalsiasi obbligi assunti mill-mejjet Gianfranco Ronsisvalle;*

*Ghaldaqstant, 1-esponenti, fil-waqt li jgibu s-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u fil-waqt li jirriservaw 1i jgibu kwalsiasi prova permissibbli fil-ligi, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi 1-esekuzzjoni ta' tali kambjali fil-konfront tal-esponenti u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez."*

Rat li l-atti tar-rikors promotorju u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta'Wilfred u Mary Grace konjugi Mifsud tas-27 t'April 2010 li taqra hekk:

*"Illi l-esponenti jopponu ghat-talba tar-rikorrent biex titwaqqaf l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut mill-esponent permezz tal-procedura skond 1-artikolu 253 tal-Kap.12 u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi 1-esponenti huma kredituti tar-rikorrenti fis-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u sebgha u tmenin ewro (€18,487), u dan kif jirrizulta mill-annessi kambjali esebiti ma' l-ittra ufficjali maghmula kontra r-rikorrenti, ai termini ta l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal- Ligijiet ta' Malta, immarkati bhala DOK B.*

*Illi r-rikorrent jsostnu illi l-ewwel seba' kambjali kif esebiti huma nulli u dan peress illi rekwiziti ad validitatem, li trid il-ligi skond 1-artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, huma monki.*

*Illi ghalhekk, l-esponenti m'ghandhomx triq ohra hlief li, ghalkemm dawk jirriflettu flus li gew mislufa lill-mejjet Gianfranco Ronsisvalle, jbaxxu rashom ghal dak li tirrikjedi l-ligi.*

*Illi dana, pero' ma jfissirx illi wiehed ghandu jinjora t-tmien kambjali l-ohra esebiti. Dawn huma maghmulin skond il-ligi u ghalhekk huma validissimi. Minn dawn it-tmien kambjali, jirrizu1ta kjarament dak li qieghdin jippretendu 1-esponenti minghand r-rikorrenti.*

*Illi r-rikorrenti qed isostnu illi m'ghandhom l-ebda relazzjoni ma 'l-esponenti. Jinghad dan peress illi huwa veru illi l-kambjali gew iffirmati mill-mejjet Gianfranco Ronsisvalle u 1-esponent Wilfred Mifsud biss, pero' dana ma jfissirx illi ma jimpingux 1-komunjoni ta' 1-akkwisti.*

*Illi skont l-artiklu 1324 tal-Kodici Civili, att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni, li jkunu qed jigu ezercitat minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dan il-kummerc. Ghalhekk, din id-dispozzizzjoni turi li m'hemmx bzonn tal-firem taz-zewg partijiet, u dan anke minhabba li l-atti  in kwistjoni, ma jikkostitwux atti ta' amministrazzjoni straordinarja, skont 1-artiklu 1322 tal-Kodici Civili.*

*Illi in oltre, l-attikolu 1326 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi 1-parti mizzewga illi ma tkunx tat il-kunsens taghha, f'kaz ta' proprjeta' immobbli, tista' tannulla l-att biss meta il-jeddijiet fuqhom ikunu inghataw b'titolu gratwitu. Ghal din ir-raguni, r-rikorrenti ma tistax tannulla 1-att in kwistjoni, u dan peress illi m'hemm 1-ebda titolu gratuwitu.*

*Illi nonostante dan kollu pero irid jigi enfasizzat illi dawn is-sottomissionijiet tar-rikorrenti huma irrelevanti f'dan 1-istadju. L-unika sottomissjonijet li jistghu jaghmlu r-rikorrenti huma dwar il-validita' tal-kambjali. Dak li qed jinghad mir-rikorrent huma konsiderazzjonijet li*

*jistghu isiru fi stadju ulterjuri se mai jekk isir tentattiv ta' ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv fuq hwejjeg tal-komunjoni ta' l-akkwisti.*

*Illi f'dan il-kuntest irid jinghad ukoll illi ma tistax issir oppozizzjoni ghall-hlas ta' kambjala hlief fil-kaz ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur u dan skond l-artikolu 199 tal-Kodici tal-Kummerc. Ghalhekk, skond din id-dispozizzjoni tal-ligi, wiehed ma jistax jopponi ghall-hlas ta' kambjala, hlief meta dawn ikunu nulli skond l-istess Kodici tal-Kummerc.*

*Illi r-rikorrenti jsostnu illi huma rrinunzjaw ghall-eredita' tal-mejjet Gianfranco Ronisvalle fit-termini tal-ligi, pero' dan ma jirrizultax u dan li ma ngabet l-ebda prova tar-rinunzja .*

*Illi ghalhekk, minhabba f'dan kollu li qieghed jigi sottomess mill-esponenti, r-rikorrenti ghandhom javvantaw dak li huwa pretiz mill-esponenti, hlief ghas-seba' kambjali li 1-partijiet qieghdin jaqblu li huma nulli. In oltre, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-24 ta'Gunju 2010 (a fol. 22) illi bih gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri ;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-atturi tal-20 t'April 2012 (a fol. 75 et. seq.);

Rat in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tal-intimati tal-31 ta' Lulju 2013 (a fol. 88 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Permezz ta' nota datata 24 ta' Gunju 2010, l-atturi ezebew kopja legali tal-atti ta' rinunzja ta' successjoni tal-mejjet Gianfranco Ronsisvalle da parti ta' Mary Loiuse Ronsisvalle, ezebita bhala Dok. W a fol. 24 et seq, rinunzja ta' successjoni ta' Gianfranco Ronsisvalle da parti ta' Francesco u Luana Ronsisvalle ezebita bhala Dok. X a fol. 29, u Dok Y a fol. 31 et seq waqt li gie esebit is-separazzjoni tal-beni matrimonjali datat 25 ta' Marzu 2009 Dok Z a fol 33 u 34.

Mix-xhieda ta' Mary Louise Ronsisvalle a fol 37 et seq tal-process jirrizulta illi il-kambjali li huma esebiti minn fol. 7 sa 13 tal-process ma gewx iffirmati mill-istess Mary Loiuse Ronsisvalle. Hija xehdet li hija ma tantx taf lil Wilfred Mifsud pero kienet taf li r-ragel taghha (li miet fit-3 ta'Dicembru 2009) kien jinxurja il-karozzi taghhom mieghu. Mary Louise Ronsisvalle ikkonfermati li hija irrinunzjat ghal wirt ta' zewgha u li kellha separazzjoni tal-beni li ggib id-data tal-25 ta' Marzu 2009. Hija xehdet illi in segwitu tal-mewt ta' zewgha, waqt li hija kienet qed tfittex fil-karti ta' zewgha **sabet l-ammont ta' tnejn u tletin elf liri Maltin (Lm32,000) imhallsin lil Wilfred Mifsud f'kambjali**. Mary Louise Ronsisvalle ikkonfermat li dawn l-ammmont certament ma kienux hlas ta' *insurances* taz-zewg karozzi tal-membri tal-familja taghha. Mary Louise Ronsisvalle xhedet li zewgha seta' kellha l-vizzju tal-loghob imma kienet qed tissuspetta fl-uzura (vide fol.40). Mary Louise Ronsisvalle ezebit tnejn u tletin (32) kambjala li jgibu dati minn 2002 sa 2004 Dok. MR1 sa MR32 kambjala imhallsa mir-ragel taghha vide fol. 51.

In kontro ezami Mary Louise Ronsisvalle ikkonfermat li zewgha kien jahdem ta’ tappizzar, jimporta xi ghamara u kellu negozju illi kien imur lura ghal diversi snin. Apparti dan huwa kien *sole agent* tal-*insurance* ta’ Gasan & Mamo li maghhom kien jinxurja l-karozzi kollha tal-familja taghha, ghaldaqstant certament il-kambjala meritu tar-rikors ma setghux kienu derivanti minn xi dejn fuq *insurance* tal-karozzi tal-familja.

Francesco Ronsisvalle fl-affidavit tieghu Dok. X a fol. 49 xehed illi kien jaf lill-intimat bhala persuna li jahdem fl-*insurance* il-ghaliex fi zmien kienu jinxurjaw il-karozzi taghhom mal-agenzija tieghu li tinsab f’ Hat’Attard. Sa fejn hu l-intimat kien ibiegh poloz tal-assigurazzjoni u xejn aktar. Ix-xhud ma jafx li missieru kellu xi negozju mal-intimat. Francesco Ronsisvalle xehed li kien inhasad li meta in segwitu tal-mewt ta’ missieru ircevew ittra legali relatati mal-kambjali ghall-ammont allegatament dovuti lill-intimat.

Luana Ronsisvalle fix-xhieda taghha Dok. Y afol. 50 ikkonfermat ix-xhieda ta’ huwha Francesco Ronsisvalle u ziedet li ma kienet taf xejn dwar il-procedimenti li kienu ghaddejin il-Qorti.

Wilfred Mifsud, l-intimat xehed a fol 53 u pprezenta tlett (3) *cheques* Dok WM 1 *payable* lil Wilfred Mifsud li pero qatt ma ssarfu.

***“Dawn ic-cekkijiet m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-mertu ta’ din il-kawza izda sommom ohra dovuti lili”*** – vide fol 53.

L-intimat Mifsud zied jghid: ***“c-cekkijiet kienu indirizzati lili personalment izda kienu ta’ terzi.”*** – vide fol 53

Jirrizulta illi c-*cheques* li jidhru a fol 57 (Dok WM1) huma kollha tas-sena 2008, pagabbli lil Wilfred Mifsud **f'somom ta' sitt elef Ewro (€6,000), mahruga minn Mr.Biago LA Cognata** u tnejn ohra wiehed ta' **sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500)**, u **iehor ta' sitt elef Ewro (€6,000) mahruga minn Mr. R &/OR Mrs. R. Bugeja**.

Gie ezebit ukoll serje ta' SMSs allegatament mibghuta minn Gianfranco Ronsisvalle lil intimat – Dok WM2 a fol. 58, ebda prova li tikkonferma il-veracita jew il-provenzja ta' dawn l-SMS's mis-*Server* koncernat ma nghabet quddiem din il-Qorti.

A fol 59 L-Avukat difensur tal-intimat indika illi l-kambjali li kienu nulli kienu dawk li jinsabu a fol 5 u 6 tal-process waqt li is-seba' (7) kambjali l-ohra (mhux tmienja (8) kif indikat fir-risposta guramenta) kienu validi.

Fl-affidavit tieghu, Wilfred Mifsud a fol. 54 et seq xehed, illi kien ilu jaf lil Gianfranco Ronsisvalle tlieta u ghoxrin (23) sena 'l ghaliex kien jbiegh s-salotti lil-kumpanija li kienet tieghu u ta hutu bl-isem **Homedecor Limited** Valley Road Msida. Din il-kumpanija giet xolta fil-31 ta' Dicembru 1993.

Minkejja dan, l-intimat sostna li baqa' jinnegozja ma Gianfranco billi jixtri s-salotti u jbieghhom fil-hwienet.

Wilfred Misfud xehed illi huwa kien agent tal-*insurance* u li bid-dhul tal-VAT l-prezzijiet tas-sufanijiet ma baqghux aktar kompetittivi u ghalhekk kien kostrett li jirrilaxxa dan n-negozju ta' bejgh tas-sufanijiet u ffoka fuq l-*insurance*.

Mifsud xehed illi hu u Gianfranco kienu hbieb sewwa tant illi ***"jiena kont inqisu bhala hija."*** (vide fol. 54). Mifsud xhed li kien jaf lil mart Gianfranco ukoll li sahhansitra kienet toffrilu it-te'. Mifsud jghid illi kien anki stedienhom ghat-tieg ta' uliedu.

***"Darba fost l-ohrajn"*** (a fol. 55) Gianfranco kien talbu ghal self ta' tlett elf liri Maltin (Lm3,000), ghamlu ***"karta privata u kambjala ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) –il wahda u fi zmien sitt (6) xhur inqatghu."*** – Ibid a fol 55. Wilfred Mifsud xehed illi Gianfranco ma ridtx illi martu tiffirma l-iskrittura privata ghax kienet tip li tinkwieta.

Wara il-hlas ta' dan is-self, Gianfranco kien rega avvicina lil Wilfred u talbu jselfu il-flus. Dan is-self ***"insejhula negozju irrepetiet kemm il darba u biex najd*** (nghid) ***il-verita' dan kien itini anke imghaxx ta' 8% skond il-ftehim ghax ma kiex ihallas fi zmien stipulat mill-kambjali."*** – vide fol. 55.

Mifsud xehed illi kien ghen lil Gianfranco jiftah *showroom* ghas-sufanijiet fejn Santa Katarina pero wara sena u nofs beda jmur hazin fin-negozju.

Fis-sena 2007 kien talbu ghal self ta' sitt elef u hames mitt Liri Maltin (Lm6,500) ghax ried jimporta xi sufanijet minn barra u talbu bil-hniena ghal dan is-elf (vide l-ahhar paragrafu a fol. 55)

***"Peress illi dan kien dejjem puntwali fil-pagmaneti, jien sliftu dawn il-flus"*** (a fol. 56) Wara li hallsu sitt (6) kambjali minn hdax (11) –il wahda Gianfranco marad u ma hallsux aktar.

In kontro ezami (a fol. 60 et seq) Mifsud xehed illi d-dati indikati fuq il-kambjali ezebiti minn fol.7 sa 13, juru d-dati ta' hlas u mhux d-dati ta' meta saru il-kambjali. Il-ftehim kien ta'

pagament kull xahar ***"allura kull kambjala kienet tinhareg xahar qabel l-iskadenza taghha pero nghid li dan mhux imnissel f'dawn il-kambjali."***

**Wilfred Mifsud jghid illi ma kienx hemm ftehim bil-miktub fuq dan**.

Kull kambjala harget fl-indirizz indikat cioe, 62 Triq l-Ghenba H'Attard, l-officcju tal-intimat u kellha tithallas fl-istess post. Mifsud gharaf il-firma tieghu u ta' Gianfranco Ronsisvalle fuq il-kambjali li jidru minn fol. 7 sa 13.

Mifsud ezebixxa Dok AB (a fol. 64) li huwa d-*Director's Report* dwar is-socjeta Homedecor Limited. In segwitu tax-xoljiment tal-istess socjeta', Mifsud jghid li fetah *sub agency* tal-*insurance* u nnegozja f'ismu fil-*business* tal-ghamara.

Mifsud xehed illi ma kienx jidhol id-dar ta' Ronsisvalle izda kien jidhol fil-*garage* "***fejn kienu jilghabu il-karti ma xi Taljan iehor."*** (a fol. 61).

Mitlub jghid meta saru il-kambjali, Mifsud ma jaghtix id-data izda jghid ***"dawn ilhom li saru."*** Mifsud xhed li s-showroom tal-mejjet Gianfranco Ronsisvalle infethet fis-sena 2005 /2006. Mifsud xehed li kien ghen lil Gianfranco jiftah is-*showroom* billi silfu l-flus. **Ma kienx hemm ftehim bil-miktub *"konna nifthemu bil-kambjali."*(** a fol. 62), Mifsud jafferma li ma kellu ebda sehem fin-negozju ta' Gianfranco Ronsisvalle.

Mitlub jispjega ic-*cheques* ezebiti a fol. 57, Mifsud jafferma li dawn ma kienux mahruga minn Gianfranco izda **kienu mahruga minn terzi persuni**. Xhed illi **accetta dawn ic-*cheques* ghaliex kien jafda lil Gianfranco**. Misfud afferma li Gianfranco waqqaf il-pagamenti meta marad.

Mitlub jghid jekk Gianfranco kienx hallas bl-interessi, Mifsud jghid:

> ***"Ma kien hemm ebda interessi, xi kultant kien igib xi affarijiet bhal flikxun whiskey pero interessi ma kienx hemm. Jiena ma kontx naf bit-tahwid kollu li kien qieghed jigri fil-hajja ta' Gianfranco. Sirt naf wara." –***Vide xhieda a fol 63

Mifsud ikkonferma li ma kien hemm ebda firma tal-mara ta' Gianfranco Ronsisvalle fuq il-kambjali ezebiti a fol. 7 sa 13 tal-process.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti tibda biex tippreciza illi permezz ta' verbal tal-Avukat Difensur tal-intimat Wilfred Mifsud datat 6 ta' Dicembru 2011, l-istess Avukat tal-intimat iddikjara illi il-kambjali esebiti minn a fol 5 u 6 tal-process, **kienu nulli u bla effett skond il-ligi**. L-Avukat difensur tal-intimat ghamel referenza ghar-risposta guramenta tal-intimati a fol. 18, precizament ghal-kontenut tat-tielet paragrafu tar-risposta, li talludi ghall-ewwel seba' kambjali li jinstabu a fol 5 u 6 tal-process.

Illi ghar-rigward tal-kambjali li jinstabu a fol. 7 sa 13 tal-process, l-Avukat difensur tal-intimati sostna li dawn il-kambjali kienu validi skond il-ligi. Ghalhekk talab korrezzjoni ghal dak miktub fil-hames paragrafu tar-risposta guramentata fejn referenza ghall-tmien (8) kambjali kellha tinqara seba' (7) kambjali.

Din il-Qorti ghalhekk tifhem li l-kontestazzjoni odjerna hija ristretta ghar-rimanenti seba' kambjali li jinstabu a fol. 7 sa 13 tal-process.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu tal-ligi li jaghti r-rekwiziti kollha li ghandha tikkontjeni kambjala ghal validita' taghha, huwa l-Artikolu 123 tal-Kap. 13 li jipprovdi illi:

> ***"Il-kambjala ghandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tigi migbuda, is-somma li ghandha tithallas, l-isem ta' dak li ghandu jhallas, u l-isem ta' dak li lilu jew ghall-ordni tieghu ghandu jsir il-hlas, iz-zmien u l-lok tal-hlas, u l-valur moghti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod iehor, u ghandha tkun iffirmata minn min jigbidha."***

Wara illi l-Qorti gharblet fit-tul ix-xhieda prodotta fil-kaz in ezami, jirrizulta b'mod mill-aktar evidenti illi l-kambjali li jidhru esebiti minn fol 7 sa fol 13 tal-proces,s huma aflitti minn diversi difetti gravi tal-forma. Jidher car, u dan huwa sahhansitra ammess minn Wilfred Mifsud, illi d-data ta' meta nhargu il-kambjali mhijiex indikata fil-kambjali esebiti minn fol 7 sa fol 13 u l-uniku dati li jidhru fuq dawn il-kambjali huma d-dati tal-hlas pretiz.

A fol. 60 in kontro-ezami, l-intimat inniffsu bil-gurament tieghu jghid li ***"d-dati li hemm fuq il-kambjala huma d-dati ta' meta kellhom jithallsu l-flus dovuti. Pero d-data ta' meta nharget ma nistax nindikaha"***.

L-istess kambjali ma jindikawx il-lok ta' fejn kienu qeghdin jigu migbuda, u lok ta' hlas. Dan ukoll gie pjenament ammess mill-intimat: ***"ahna konna ftehmna li l-kambjala tithallas fl-istess post u cioe fl-ufficcju tieghi. Pero dan mhux indikat specifikament fuq dawn il-kambjali (esebiti a fol 7 sa a fol.13)***"(vide Fol.60)

**Ikkonsidrat:**

Illi l-karatteristici essenzjali tal-kambjala huwa l- aspett litterali u cioe dak li jidher miktub fuq il-wicc ta' dik il-kambjala. Minn dan jirrizulta illi dak illi ma jidhirx miktub fil-kambjala ma jistghax jigi assunt jew presunt.

Isegwi ghalhekk, illi f'azzjoni kambjarja, huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala, u tal-elementi kostitwenti essenzjali taghha li jidhru fuq il-wicc tal-kambjala.

Vide **"John Mary Sammut vs Michael Cassar"** App Kum.deciza fil-**14 ta' Ottubru 1991**; **"George Zahra vs Alfred Borg"** Qorti tal-Kum. deciza fit-**28 ta' April 1995**, u **"John Portelli noe vs Charles Vella"** deciza fit-**30 ta' Awwissu 1989**.

L-atturi qeghdin jitolbu lil Qorti ghal sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali indikati minn fol. 7 sa 13 ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12.

L-Arikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12 jakkorda titolu ezekuttiv lil-kambjali u *promissary notes* mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc. Il-proviso pero ta' dan is-subartikolu jghid testwalment is-segwenti:

> ***"Il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala [...] kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll minghajrha [...] fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni ...;"***

X'inhuma ir-raguni gravi u validi imressqa mill-atturi li bihom qeghdin jopponu ghall-esekuzzjoni tal-kambjali minn fol. 7 sa 13?

Minn xhieda prodotta mill-atturi jidher evidenti illi Gianfranco Ronsisvalle li kien tapizzar, hallas lil intimat Mifsud 'l fuq minn tnejn u tletin elf lira Maltin (Lm32,000) f'kambjali illi jidhru esebiti a fol. 51 tal-process, u dan senjatament fuq self li allegatament ipprovdielhu l-intimat. Illi tabilhaqq, din il-Qorti f'ezami tax-xhieda prodotta mill-partijiet, taghraf illi self da parti tal-intimat lil Gianfranco Ronsisvalle jidher illi huwa l-uniku raguni citat (mill-intimat) li jiggustifika il-hrug tal-kambjali li jidhru esebiti minn fol. 7 sa 13 tal-process.

Il-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda ta' Mifsud illi f'nifs wiehed jghid li dan is-self kien minghajr imghax – vide xhieda a fol.63 u f'nifs iehor jghid li self kien bl-imghax ta' 8% - vide xhieda a fol. 55; f'parti mix-xhieda jallega li Ronsisvalle kien puntwali fil-pagamenti u li din kienet ir-raguni 'l ghaliex baqa' jsellfu l-flus – vide xhieda a fol. 56, waqt li f'parti ohra tax-xhieda tieghu allega li kien jesigi interessi Ronsisvalle kien jittardja fil-pagamenti – vide xhieda a fol. 55.

Il-Qorti taghmel accenn ukoll ghal-fatt illi l-intimat minkejja li f'parti mix-xhieda **jghid li s-self kien isir permezz ta' skritturi privati** – vide xhieda a fol. 55, f'partijiet ohra tax-xhieda tieghu Mifsud **jichad l-ezistenza** tal-iskritturi u jghid illi kien jistrieh biss fuq il-kambjali iffirmati mill-partijiet – vide xhieda a fol. 62.

Il-Qorti minn dana kollu taghraf illi l-punt kardinali jibqa' li l-intimat naqas li, jipprezenta jew jesebixxa **almenu skrittura wahda** li takkorda s-self da parti tal-intimat lil Ronsisvalle li tispjega il-*causa* ta' dan is-self.

Illi di piu din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda tal-atturi li tinkludi r-rinunzja tas-successjoni da parti tal-atturi; is-separazzjoni tal-beni li sehhet fit-2009 bejn il-konjugi Ronsisvalle, il-pagamenti **mistura permezz ta' kambjali f'ammont ta' tnejn u tletin elf liri Maltin (Lm32,000)** apparti l-valur tal-kambjali meritu tal-kawza odjerna **cioe tlett elf u hames mitt liri Maltin (Lm3,500)**, taghraf illi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz ihallu **indizzji gravi** ta' ***causa* illecita' cioe' dejn derivanti mill-loghob tal-azzard jew addirittura ta' uzura.**

Jidher car ghalhekk illi apparti id-difetti u nuqqasijiet ta' natura ta' forma tal-kambjali minn fol. 7 sa 13 gia fuq imsemmija, c-cirkostanzi fuq indikati huma certament **ragunijiet gravi u validi** li jwasslu lil din il-Qorti sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali illi jidhru minn fol 7 sa 13.

Il-Qorti tinstab konfortata bl-insenjament tal-gurisprudenza nostrali fis-sentenzi **"Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi"** moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-**5 ta' Frar 2008** illi fiha id-dubbji "ferm serji" li il-kambjala kienet imcappsa bl-uzura giet dikjarata bhala raguni serja u valida ghas-sospenzjoni ta'esekuzzjoni ta' kambjala, waqt li fis-sentenza **"Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg noe"** deciza fil-**15 ta' Novembru 1985**, f'azzjoni kambjarja, il-Qrati

irritenew li l-uzura tista’ isservi ta’ element li jigi indagat jekk il-kambjali tkun imcappsa bl-uzura.

Illi di piu’, wiehed ma jistax jonqos li jsemmi li kambjala dwar self, anki wiehed b’*causa* lecita, trid tigi iffirmata mill-konjugi sabiex taggrava il-komunjoni tal-akkwisti – vide Artikolu 1324 tal-Kapitolu 16 u s-sentenza **"Angele Calleja vs Claude Calleja, Galleria Management Limited kif ukoll ghal kull interess li jista' jkollha Derby International Limited"** deciza fit-2 ta' Ottubru 2002.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tilqa’ t-talba attrici. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------